

# AWTORITÀ TAD-DJAR

**NOVEMBRU 1990**

**Id-Disinn rebbieh fil-Kompetizzjoni ghall-Bini ta' Belt Ġdida fl-Imtarfa.**

Awtorità tad-Djar

Rapport Amministrattiv
Bejn l-1 t'Ottubru 1989
u t-30 ta' Settembru 1990

Rapport Finanzjarju
Bejn l-1 t'Ottubru 1989
u t-30 ta' Settembru 1990

Estimi ta' Dħul u Nfieq
Bejn l-1 t'Ottubru 1990
u t-30 ta' Settembru 1991

Mħejjija Skond Paragrafu 11
u Paragrafu 13 ta' l-Att XV
ta' l-1976 Dwar l-Awtorità
Tad-Djar

**KONTENUT**


RAPPORT AMMINISTRATTIV ........................ 5 - 15

RAPPORT FINANZJARJU .............................. 16 - 18

ESTIMI GHAS-SENA 1990/91 ..................... 19 - 24

# RAPPORT AMMINISTRATTIV 1990-1991

## 1.0 Daħla

1.1 Dan ir-rapport ifisser ħidmet l-Awtorità tad-Djar tul is-sena finanzjarja mill-ewwel ta' Ottubru 1989 sat-tletin ta' Settembru 1990.

1.2 Għall-ewwel ħames xhur ta' din is-sena dan ix-xogħol sar taħt ir-responsabbilità tal-Bord nominat permezz ta' Avviz Numru 349 tal-Gazzetta tal-Gvern tas-sittax ta' Ġunju, 1989, presjedut mill-Perit Edward Bencini B. Arch., A. & C.E., u tkompla taħt il-Bord nominat permezz ta' l-Avviz Numru 156 tal-Gazzeta tal-Gvern tad-disa' ta' Marzu 1990 u kkonfermat permezz ta' l-Avviz Numru 492 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-tlettax ta' Lulju 1990 taħt it-tmexxija tal-Perit Catherine Galea B. Sc. (Eng.), B.A. (Arch.), A.&C.E.

1.3.1 Il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar immexxi mill-Perit Edward Bencini kellu bħala membri lis-Sur Paul V. Mifsud B.A.(Hons), M.A., Deputat Chairman, u lis-Sinjuri Pauline Ellul, Catherine Galea B.Sc. (Eng.) B.A.(Arch.), A.&C.E., Saviour Gatt, Gaetan Naudi A.C.I.S., Joseph Scicluna u Piju Spiteri.

1.3.2 Il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar immexxi mill-Perit Catherine Galea għandu bħala membri lis-Sur Paul V. Mifsud B.A. (Hons), M.A., Deputat Chairman u lis-Sinjuri Pauline Ellul, Joe Falzon, M.Sc. (Lond.), B.Sc. (Eng.), B.A. (Arch.), A. & C.E., Saviour Gatt, Gaetan Naudi A.C.I.S., Joseph Scicluna, u Piju Spiteri.

1.4 Il-bidla fit-tmexxija tal-Bord ta' l-Awtorità bl-ebda mod ma fixklet il-ħidma ta' l-Awtorità billi żammet il-kontinwità fid-direzzjoni tat-tmexxija peress li l-Perit Catherine Galea kienet ilha membru fil-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar immexxi mill-Perit Edward Bencini sa mill-erba' u għoxrin ta' Ġunju 1987.

## 2.0 Sena ta' Ħidma Impenjattiva

2.1 Matul din is-sena il-Bord ta' l-Awtorità baqa' miexi fil-ħidma tiegħu fuq il-'Guideline Policies' għas-snin 1987-1997, approvati mill-istess Bord matul is-sena 1987.

2.2 Permezz ta' din il-ħidma impenjattiva tkompla l-programm ta' bini ta' appartamenti u maisonettes ġodda u sar tqassim b'mod l-aktar ġust ta' dawn l-appartementi biex il-poplu jkollu djar diċenti għall-għixien tiegħu. Ingħataw 'plots' taħt l-iskema tal-HOS u tħaddmu 'policies' bl-iskop li kulħadd isir sid ta' daru.

## 3.0 Proġetti ta' l-Awtorità

Il-proġetti prinċipali ta' l-Awtorità tad-Djar matul is-sena li għaddiet huma imfissrin fil-qosor hawn taħt.

## 3.1 Bini ta' Appartamenti ġodda

Matul din is-sena tlestew b'mod li jistgħu jiġu okkupati 332 appartament fil- Kalkara, Naxxar, Sta. Lucia, Sta. Venera, il-Belt Valletta, Kirkop, Msida, San Gwann, Mellieha u B'Kara.

Sa l-aħħar ta' din is-sena hu maħsub li jitlesta ix-xogħol li inbeda qabel Ottubru 1989 u jitlestew ukoll 123 appartament oħra f'San Ġwann, il-Furjana, l-Isla, Hamrun u l-Belt Valletta.

Inbeda ukoll ix-xogħol fuq 713 l-appartament oħra f'bosta lokalitajiet kif jidher hawn taħt.

Tabella 1

| Lokalità | | Nru. ta' 'Units' | |
|---|---|---|---|
| B'Kara | Laqxija | 8 | Dawn inbdew u tlestew |
| Mellieħa | | 3 | matul din is-sena |
| Attard | Tal-Fuklar | 28 | |
| B'Kara | Triq Psaila | 72 | |
| Bugibba | Triq it-Turisti | 10 | |
| Cospicua | | 37 | |
| Floriana | Misraħ Filippo Sceberras | 32 | |
| Kalkara | Triq is-Salvatur | 24 | |
| Mosta | Ta' Żokrija | 32 | |
| Paola | Għajn Dwieli | 32 | |
| Pietà | Triq Marina | 30 | |
| San Gwann | Taż-Żwejt | 140 | |
| Siggiewi | Wied Hesri | 88 | |
| Tarxien | Triq B'Bugia | 26 | |
| Valletta | | 60 | |
| Zabbar | Housing Estate | 80 | |
| Zebbug | Triq il-Kbira | 11 | |

B'dawn il-proġetti għandhom jintlaħqu dawk il-familji li għadhom qed jgħixu f'kundizzjonijiet soċjali mhux aċċettabli. Ta' min wieħed jinnota li minn dawn il-postijiet, 49 appartament, jiġifieri l-11 ta'Ħaż-Żebbug, it-18 tal-Kalkara u l-20 appartament ġol-Belt Valletta jinvolvu xogħol ta' twaqqiegħ ta' bini qadim u rikostruzzjoni, kif ukoll xogħol ta' rijabilitazzjoni fuq 20 appartament ieħor fil-Belt Valletta. Dan għaliex l-Awtorità tad-Djar qed tagħti bidu għall-fażi fejn l-enfasi ma tibqax fuq proġetti ta' bini ta' appartamenti ġodda iżda l-tiġi diretta għal proġetti ta' rijabilizzazzjoni ta' nħawi fejn hemm bini żdingat. B'hekk isir użu aħjar minn bini eżistenti fiċ-ċentri ta'

bliet u rħula Maltin li f'ħafna każi ma jkunx qed jintuża.

Għal dan il-għan ukoll kif jidher aktar 'l isfel l-Awtorità, bi ftehim mad-Dipartiment għal Akkomodazzjoni Soċjali, qed tippromovi skemi biex tħajjar l-inkwilini isiru sidien ta' darhom u biex tingħata għajnuna addizzjonali lis-sidien kollha tad-djar t'abitazzjoni biex jagħmlu tibdil u jitjieb biex iżommu darhom fi stat tajjeb.

## 3.2 Allokazzjoni ta' appartamenti b'Kera u Bejgħ bi prezzijiet sussidjati

Matul din is-sena intalbu applikazzjonijiet għall-allokazzjoni ta' 419 l-appartament f'diversi lokalitajiet.
L-Awtorità irċeviet u pproċessat 1980 applikazzjoni. It-Tabella ta' hawn taħt turi aktar fid-dettal kif intefgħu dawn l-applikazzjonijiet.

Tabella 2

| Lokalità | Kera | | Bejgħ | |
|---|---|---|---|---|
| | Nru ta' Appar. | Nru. ta' Appl. | Nru ta' Appar. | Nru ta' Appl. |
| Isla | 4 | 13 | – | – |
| Kirkop | 16 | 40 | 16 | 10 |
| Kalkara | 37 | 130 | 32 | 45 |
| San Gwann | 72 | 273 | 61 | 111 |
| Sta Venera | 44 | 432 | 36 | 143 |
| Valletta | 20 | 59 | – | – |
| B'Kara | 8 | – } | – | – |
| Kalkara | 12 | 339 } | 15 | – } |
| Sta Lucia | 14 | – } | 30 | 385 } |
| Kirkop | – | – | 2 | – } |
| | 227 | 1286 | 192 | 694 |

Is-sistema ta' punteġġ li fuqha jinħadmu dawn l-applikazzjonijiet hi maħsuba biex dawk li lilhom jiġu allokati dawn l-appartamenti ikunu dawk li l-aktar ħaqqhom.

L-Awtorità tagħmel minn kollox biex tiżgura li l-prinċipji ta' ġustizzja soċjali jiġu attwati tul il-proċess kollu ta' dawn l-applikazzjonijiet u għalhekk jiġu vverifikati d-dokumenti kollha li jissottomettu l-applikanti u jsiru ukoll spezzjonijiet tal-post fejn l-applikanti joqgħodu. L-Awtorità tad-Djar kienet tkun f'qagħda li tħaffef ix-xogħol tagħha li kieku ma kienx għall-informazzjoni ħażina li titniżżel fl-applikazzjoni minn xi uħud. Din tfixkel xogħol l-Awtorità u jkun ta' detriment għal dawk onesti li jkun jimmeritahom allokazzjoni ta' appartament, għaliex l-Awtorità ma tkunx tista' tippublika r-riżultat finali tal-punteġġ qabel ma jsiru l-verifiki kollha.

L-apparamenti li jiġu allokati b'kera ikunu amministrati mid-Dipartment għall-Akkommodazzjoni soċjali. Dawk l-appartamenti li jiġu allokati b'bejgħ, l-Awtorità tad-Djar tibda l-proċess

tal-Konvenju li jwassal għall-Kuntratt finali.

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar biegħet b'sussidju dawn il-postijiet:

Tabella 3

| Lokalità | Bejgħ b' Konvenju | Bejgħ bil-Kuntratt |
|---|---|---|
| Bugibba | – | 12 |
| Kalkara | 29 | 15 |
| Kirkop | 13 | 6 |
| Naxxar | – | 19 |
| San Gwann | 61 | – |
| Sta Lucia | – | 7 |
| Sta Venera | 34 | – |
| Zejtun | – | 12 |
| Maisonettes f'diversi nħawi | – | 12 |
| | 137 | 83 |

## 3.3 Skema tal-'Home Ownership'

Matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru 1989 intlaqgħu applikazzjonijiet għal 600 plot tal-HOS f'diversi lokalitajiet f'Malta u Ghawdex— Ħarġa Settembru 1989.
L-Awtorità irċeviet 1057 applikazzjoni u dawn kienu mqassmin hekk:

Tabella 4

| | Għarajjes | | Miżżewġin | |
|---|---|---|---|---|
| | Plots | Nru ta' Appl. | Plots | Nru ta' Appl. |
| Malta | 357 | 652 | 153 | 258 |
| Għawdex | 62 | 86 | 28 | 61 |
| | 419 | 738 | 181 | 319 |

Fix-xhur ta' wara sar l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet u l-poloz tal-plots ittellgħu matul Marzu 1990. Anke f'din il-Ħarġa kien jidher li l-inċentiv il-ġdid ta' għotja flus li, għal din il-ħarġa kien jilħaq massimu ta' Lm2500, qed jiġi ippreferut. Fil-fatt il-percentwal ta' dawk il-benefiċjarji li għażlu li jieħdu l-għotja tela' għal 53%.
Matul ix-xahar ta' Settembru 1990 intlaqqgħu applikazzjonijiet għal 500 plot oħra tal-HOS f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex Ħarġa Awissu 1990.
Din id-darba l-Awtorità irċeviet 982 applikazzjoni u dawn kienu imqassmin hekk:

Tabella 5

| | Għarajjes | | Miżżewġin | |
|---|---|---|---|---|
| | Plots | Nru ta' Appl. | Plots | Nru ta' Appl. |
| Malta | 266 | 706 | 173 | 182 |
| Għawdex | 35 | 65 | 26 | 29 |
| | 301 | 771 | 199 | 211 |

Ta' min wieħed isemmi li, f'din il-Ħarġa, il-massimu ta' l-għotja ta' flus żdied għal Lm3000, jiġifieri żieda ta' Lm500 f'kull kategorija tad-dħul.
Bħal fil-Ħarġiet ta' Settembru 1988 u ta' Settembru 1989 il-benefiċjarji setgħu din id-darba wkoll jitolbu li jieħdu self b'imgħax issussidjat, jekk jippreferu dan flok l-għotja ta' flus.

## 3.4 Skemi A, B, C, D, E, F ta' l-Awtorità tad-Djar

L-iskemi A, B, C u D ġew introdotti biex iħajru l-inkwilini ta' djar tal-Gvern u tal-privat biex jixtru d-dar li jabitaw fiha. Dawn l-iskemi kienu ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 14,939 tas-16 ta' Frar 1988. Dawn l-iskemi għalqu fit-28 ta' Frar 1989.

Matul din is-sena sar l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet kollha pendenti u, sat-30 ta' Settembru 1990, kienu saru:

(i) 79 u 64 kuntratt ta' bejgħ ta' appartamenti u djar tal-Gvern taħt l-iskemi A u B rispettivament.
(ii) 47 u 27 konvenju taħt l-iskemi A u B rispettivament.
(iii) 10 u 123 kuntratt taħt l-iskemi C u D rispettivament.

Kif imwiegħed fir-rapport ta' l-Awtorità tal-1988/89, l-Awtorità ippublikat l-iskemi ġodda E u F permezz ta' l-Avvizi Legali 139 u 140 fil-Gazetta tal-Gvern tas- 7 ta' Settembru 1990. L-iskema E ser tiġbor fiha l-inċentivi kollha ta' l-iskemi A u B u tagħti aktar benefiċċji ta' sussidji għal kull sena li l-applikant ikun ilu joqgħod fil-post ta' abitazzjoni sa massimu ta' għaxar snin.

Fl-iskema F li tiġbor fiha l-iskemi C u D żdiedet l-għotja ta' flus fuq dawk ir-residenzi li jkunu nbnew qabel 1939 u qabel l-1960.

## 3.5 Il-Proġett ta' l-Imtarfa

Il-proġett għall-bini ta' belt ġdida fl-Imtarfa issa qabad ritmu mgħaġġel. Matul din is-sena nbeda x-xogħol fuq l-ewwel blokk ta' 58 appartament u dan mistenni jkun lest sa l-aħħar tas-sena 1990 biex matul is-sena 1991 dawn jiġu allokati b'sistema ta' kiri jew bejgħ sussidjat.

Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq żewġ blokki ta' 13 l-appartament il-wieħed. Barra minn dan fil-Ħarġa Awissu 1990, hemm inklużi 38 plot taħt l-iskema 'Home Ownership' biex b'hekk s'issa

nħarġu 118-il plot f'din il-fażi tal-proġett ta' l-Mtarfa. Sadanittant, għaddejjin diskussjonijiet ma' l-Għaqda Residenti Mtarfa dwar problemi li kienu nqalgħu snin ilu meta wħud mir-residenti kienu ġew imwiegħda li se jingħatalhom btieħi u jissewwewlhom soqfa f'uħud mill-postijiet f'dak li qabel kien Beltilġmiel, u li wara rriżulta li ma kien sar xejn biex dan iseħħ. Wieħed jista' jgħid li teżisti kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-Għaqda Residenti Mtarfa bl-iskop li l-problemi li jinqalgħu jiġu megħluba għas-sodisfazzjon taż-żewġ naħat.

## 3.6 Żvilupp ta' Pembroke

L-Awtorità tad-Djar kompliet bil-pjanijiet għall-iżvilupp ta' dan il-lokal li jħaddan fih l-"area" kollha ta' St. Andrews, Pembroke u St. Georges. Ix-xogħol maħsub ħa aktar żmien milli kien previst. Fil-preżent qed tiġi identifikata fid-dettal l-"area" li ser tiġi żviluppata f' H.O.S. plots, f'appartamenti, f' vilel, ħwienet u servizzi oħra. Matul is-sena d-dieħla huwa ttamat li l-ippjanar jiġi ffinalizzat u jibda wkoll jiġi attivat.

## 3.7 Attivitajiet oħra matul is-sena li għaddiet

3.7.1 L-Awtorità tad-Djar ħasset li jeżisti nuqqas ta' ħwienet li jagħtu servizz lill-kommunità fil-Housing Estates tal-Gvern u dan kien qiegħed jikkaġuna nkonvenjenzi kbar għar-residenti. Għaldaqstant, ħarġet skema fejn benefiċjarji tal-HOS plots jistgħu japplikaw biex jiftħu ċerti tipi ta' ħwienet. S'issa ntlaqgħu u ġew ipproċessati 15 l-applikazzjoni, u wħud minn dawn il-ħwienet diġà nħarġitilhom il-liċenzja biex jistgħu jiftħu.

3.7.2 Kif jaf kulħadd, il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar kien wiret sitwazzjoni fejn il-kuntratt ta' għotja enfitewtika ta' bosta plots ma setax isir peress li l-art ma kienitx akkwistata mill-Gvern. Din is-sitwazzjoni issa qed tiġi rrnedjata u f'din is-sena diġà saru 102 kuntratt ta' enfitewsi perpetwa. Dawn huma mqassmin hekk:

**Tabella 6**

| Ħarġa tal-H.O.S. | | Kuntratt |
|---|---|---|
| Tielet Ħarġa | (1981) | 1 |
| Ħames Ħarġa | (1982) | 53 |
| Sitt Ħarġa | (1984) | 1 |
| Seba' Ħarġa | (1985) | 1 |
| Tmien Ħarġa | (1986) | 2 |
| Disa Ħarġa | (1986) | 18 |
| Għaxar Ħarġa | (1987) | 26 |
| | | 102 |

3.7.3 Bejgħ ta' 'Semi Developed HOS Plots'
F'dan il-qasam ukoll l-Awtorità tad-Djar ħasset li għandu jitħaffef il-proċess tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' plots. Għalhekk, biddlet is-sistema li dawn il-plots żviluppati jiġu offruti direttament lill-pubbliku mill-Awtorità tad-Djar bl-offerta; issa l-benefiċjarji jitolbu permess lill-Awtorità tad-

# PROĠETTI TA' L-AWTORITÀ TAD-DJAR 1988/1991



TQEGHID
TA' L-EWWEL ĠEBLA
FL-IMTARFA



MTARFA



L-ISLA



IL-BELT VALLETTA



STA. VENERA



MTARFA



ATTARD



KIRKOP



KALKARA

Djar biex ikunu jistgħu jbiegħu huma stess il-plot u l-benefikati li tellgħu fuqha. Il-kundizzjonijiet il-ġodda qassru sostanzjalment iż-żmien tat-trasferiment relattiv u huma aktar vantaġġjużi għall-benefiċċjarji li qed jittrasferixxu l-plot.

3.7.4 Fergħa Notarili

Fl-Awtorità tad-Djar kienet twaqqfet fergħa notarili mmexxija min-Nutar Pubbliku. Din is-sezzjoni tieħu ħsieb b'mod aktar effikaċi tal-kuntratti li tagħmel l-Awtorità tad-Djar. Minbarra il-kuntratti li ġew ippubblikati minn nutara privati, matul din is-sena din il-fergħa kienet involuta fl-iffirmar ta' 208 kuntratt.

3.7.5 Uffiċċju ġdid

Fil-preżent, l-uffiċċji ta' l-Awtorità tad-Djar huma maqsumin f'żewġ postijiet billi l-ispazju allokat lilha fil-Berġa tal-Baviera, il-Belt sar żgħir għaliha. Din il-qagħda ma kienitx prattikabbli għax-xogħol u għalhekk inħasset il-ħtieġa li l-uffiċini jinġabru taħt saqaf wieħed. Għalhekk l-Awtorità tad-Djar kisbet post il-Furjana biex tadattah f'uffiċċji ċentrali għall-ħtiġijiet tagħha.

Bħalissa għaddejjin alterazzjonijiet strutturali f'dan il-post u huwa ttamat li fil-bidu tas-sena d-dieħla l-Awtorità tad-Djar tibda tiffunzjona minn hemmhekk.

## 4.0 Konklużjoni

Dan huwa rendikont fil-qosor tax-xogħol kollu li sar matul din is-sena. Wieħed japprezza il-fatt li l-Awtorità tad-Djar daħlet għal proġetti kbar u kontinwi. Irid, iżda, jiġi emfasizzat li l-progress jinkiseb ukoll bid-dedikazzjoni tax-xogħol u bil-kontribut siewi ta' l-istaff kollu ta' l-Awtorità tad-Djar li fin-numru qatt ma kien ta' aktar minn 53 ruħ. Il-ħaddiema kollha, mill-kbir saż-żgħir, għandhom l-apprezzament tal-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar għall-ħidma li wettqu tul dawn it-tnax-il xahar li wasslet għal aktar kisbiet ta' ġustizzja soċjali fil-qasam tad-djar.

Catherine Galea B.Sc.(Eng.), B.A. (Arch.), A. & C.E.

Gaetan Naudi A.C.I.S.

Joseph Scicluna

# RAPPORT FINANZJARJU 1989/1990

## 1. Daħla

1.1 Għas-sena finanzjarja li għalqet fit-30 ta' Settembru 1990, l-Awtorità tad-Djar kienet ipproġettat nefqa globali li tlaħħaq 4.8 miljun liri Maltin. Il-fondi għal din l-ispiża kienu ser jiġu minn dħul li tiġġenera l-Awtorità stess u, kemm-il darba dan ma jkunx biżżejjed, mil-likwidazzjoni ta' xi investimenti barranin. Dan kien impenn delikat li kien jitlob attenzjoni kontinwa fuq id-dħul u l-infieq biex ta' l-aħħar ma jiżboqx kemm jista' jkun lil ta' l-ewwel.

1.2 Fil-bidu tas-sena li għaddiet kien ġie mbassar dħul ta' qrib il-tliet miljun lira minn bejgħ ta' propjetà u dħul ieħor rikorrenti. Fil-fatt, daħlu maż-żewġ miljuni u nofs liri. Ir-raġuni ewlenija għal dan kienet li Dipartimenti tal-Gvern li magħhom l-Awtorità taħdem fil-qrib mhux dejjem żammew l-istess ritmu li bih kienet miexja l-Awtorità.

## 2. Skemi ta' bejgħ

2.1 Il-bejgħ ta' postijiet ġodda issa qabad ritmu tajjeb. Dan irid bilfors jimxi mal-progress fil-kostruzzjoni ta' postijiet ġodda. Hemm maħsub li dan ir-ritmu jitkompla s-sena d-dieħla meta ħafna mil-proġetti diġà mibdija, jitlestew.

2.2 Il-bejgh ta' postijiet lill-inkwilini qabad pass imgħaġġel lejn l-aħħar xhur tas-sena wara li ġew solvuti ħafna problemi ta' l-antik fejn il-Gvern ma' kienx ikun akkwista l-art u għalhekk ma' setax jidħol f'kuntratt ta' bejgħ qabel iseħħ dan.

2.3 Il-bejgħ ta' l-art u l-fidi taċ-ċnus ma bediex jitwettaq tul is-sena li għaddiet minħabba diffikultajiet legali. Issa dawn ingħelbu u qed jiġi mbassar li, għax-xhur li ġejjin, l-istimi li qed isiru, jintlaħqu.

2.4 Ser jingħataw xi figuri dwar dħul minn bejgħ ta' propjetà (wara li jkun inqata' s-sussidju) tul il-ħames snin li għaddew u dak li qed jiġi stmat għal li ġej.

| | Lm | |
|---|---|---|
| 1985/86 | 402,877 | |
| 1986/87 | 65,261 | |
| 1987/88 | 101,986 | |
| 1988/89 | 520,468 | |
| 1989/90 | 932,492 | |
| 1990/91 | 2,384,100 | (stima) |

Minn hawn wieħed jista' jara fid-deher ħidmet l-Awtorità f'dawn l-aħħar tliet snin, biex ferm aktar nies isiru sidien ta' darhom.

## 3. Dħul Rikorrenti

3.1 Dan id-dħul baqa' dejjem jiżdied matul l-aħħar ħames snin kif juru dawn iċ-ċifri:

| | Lm | |
|---|---|---|
| 1985/86 | 159,938 | |
| 1986/87 | 142,947 | |
| 1987/88 | 229,910 | |
| 1988/89 | 296,276 | |
| 1989/90 | 422,907 | |
| 1990/91 | 389,500 | (Stima) |

3.2 Jekk wieħed janalizza t-tnaqqis f'dan it-tip ta' dħul għas-sena li ġejja, isib li dan huwa kawża diretta tat-tisrif ta' l-investiment fil-banek f'infiq fi proġetti ta' bini. Għalkemm huwa minnu li d-dħul minn ċnus u kirjiet qed joktor minn sena għal oħra, xorta ma jagħmilx tajjeb għat-tnaqqis kollu li jseħħ mit-tisrif ta' investimenti.

## 4. Nefqa Kapitali

4.1 Dan il-qasam huwa s-sinsla ta' l-Awtorità tad-Djar u għalhekk l-aktar li jassorbi mill-finanzi li jkunu disponibbli. L-Awtorità qegħda tikkontribwixxi wkoll ammonti sotanzjali ta' flus għall-programm ta' bini mniedi mit-Taqsima tal-'Housing' tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex jiżdiedu mal-flejjes li jipprovdi l-Gvern għal dan id-Dipartiment.

4.2 Il-programm ta' l-Awtorità jiġbor fih ukoll proġetti estensivi ta' bini li huma oriġinati kollha minnha, bħal ma huma il-proġetti ta' l-Imtarfa u ta' Pembroke.

4.3. Sa l-aħħar tas-sena d-dieħla fl-Imtarfa huwa maħsub li 'il fuq minn mitt appartament jiġu allokati filwaqt li jkun hemm 'il fuq minn mija oħra fi stadju avvanzat. L-Awtorità tad-Djar fl-Imtarfa qegħda wkoll taħdem biex isebbaħ l-ambjent fl-oqsma tad-djar eżistenti, u qed jiġu studjati l-ħtiġijiet flimkien mal-possibiltà ta' titjib fid-djar eżistenti.

4.4 Fil-każ ta' Pembroke, il-proġett għadu ma qabadx ir-ritmu mixtieq, iżda qed jiġi mbassar li matul ix-xhur li ġejjin jibda jidher progress, li jibqa' jinħass matul is-sena d-dieħla.

4.5 Il-pagamenti f'dawn l-oqsma jimxu id f'id mal-progress tal-bini mill-kuntratturi.

4.6. L-Awtorità tad-Djar ma tistax tkompli tlaħħaq ma' din l-attività kollha, fl-ispazju limitat li għandha illum. L-Awtorità kisbet lok fil-Furjana biex tużah bħala Uffiċċju Ċentrali li jiġbor fih l-istaff kollu u t-tagħmir ta' l-uffiċċji. Sa l-ewwel tliet xhur tas-sena d-dieħla il-post mistenni li jkun lest u magħmmar biżżejjed biex isir it-trasferiment ta' l-uffiċċini għal hemmhekk.

## 5. Nefqa soċjali f'sussidji

5.1 F'din l-attività jidher li ma ntlaħaqx it-tbassir li sar f'dak li huwa sussidju kemm fil-bejgħ ta' postijiet privati kif ukoll bħala għotjiet diretti. Diffikultajiet legali u amministrativi kienu l-kawża ewlenija għal dan. Taħt l-Iskema tal-'Home Ownership', peress li l-għotjiet ta' flus huma marbutin mal-progress fix-xogħol, kien hemm infiq inqas f'sussidji għaliex il-benefiċċjarji ma tellgħux il-binjiet bir-ritmu previst mill-Awtorità.

5.2 Jekk wieħed iħares lejn l-attività ta' l-Awtorità f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar ħames snin, wieħed isib li xorta jidher progress:

| | Lm | |
|---|---|---|
| 1985/86 | 284,178 | |
| 1986/87 | 280,541 | |
| 1987/88 | 311,767 | |
| 1988/89 | 434,236 | |
| 1989/90 | 472,490 | |
| 1990/91 | 3,139,400 | (stima) |

5.3 Is-sussidji li ħarġu matul it-tnax il-xahar li għaddew huma kważi d-doppju ta' dawk li ngħataw fl-1986. Is-sena d-dieħla huwa previst li s-sussidji totali li ser toħroġ l-Awtorità jaqbeż it-tliet miljun lira.

## 6. Nefqa rikorrenti

6.1 Din hija nefqa bżonnjuża għat-tmexxija amministrattiva ta' l-Awtorità.

6.2 Il-ħlas ta' kapital u mgħax wera ammont ogħla mill- istima oriġinali, billi minn Lulju 1987 sallum, hija l-ewwel darba li qed isir ħlas ta' kapital mingħajr ma qed jiġi eskluż xejn miċ-ċifri finanzjarji, anki jekk il-ħlasijiet joħorġu minn assi li jkunu speċifikament intenzjonati għal dan il-għan.

6.3 Huwa maħsub li l-Awtorità żżid fin-numru ta' impjegati tagħha u għalhekk din iż-żieda fil-personal hija riflessa fiż-żieda fil-pagi li qed tiġi mbassra.

6.4 Il-fond għar ripagament tas-self mill-ERF illum ilaħħaq is-somma ta' 1.2 miljuni liri Maltin skond kif kien iproġettat fis-snin ta' qabel. Dan il-fond hu maħsub li jlaħħaq tajjeb mal-piż li l-Awtorità għandha fil-ħlasijiet ta' dan is-self.

## AWTORITÀ TAD-DJAR
## ESTIMI GĦAS-SENA 1990/1991
## FIL-QOSOR

| Dħul | | Ħruġ | |
|---|---|---|---|
| A - Bejgħ ta' postijiet tal-Gvern | 3,788,500 | C - Nefqa Kapitali | 3,364,500 |
| B - Dħul Rikorrenti | 1,889,500 | D - Nefqa Soċjali f'Sussidji | 3,139,400 |
| | | E - Nefqa Rikorrenti | 909,100 |
| Kontribuzzjoni mill Fond Konsolidat għall-nefqa soċjali f'sussidji | 1,735,000 | | |
| | 7,413,000 | | 7,413,000 |

Nota: - Dawn l-estimi ma jinkludux fondi oħra, mill-Fond Konsolidat, li jistgħu jiġu approvati fl-Estimi tal-Gvern aktar tard matul is-sena, ukoll allokati għall-'House Building Programme."

## A - DĦUL MINN BEJGĦ TA' PROPRJETÀ TAL-GVERN

| DĦUL 1988 / 89 | 1989/90 Stima | Dħul | DETTAL | STIMA 1990 / 91 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| | | | | * 2,263,400 | |
| 195,770 | 700,000 | 729,604 | 1. Bejgħ b'valur kummerċjali w oħrajn li se jitlestew matul is sena 1990/91 | | Stima tal-valur kummerċjali ta' postijiet ġodda li jitlestew għal bejgħ fis-sena 1990-1991. |
| 324,698 | 600,000 | 1,153,431 | Bejgħ b'valur kummerċjali ta' postijiet lill-inkwilini | * 760,800 | Stima għall-bejgħ b'valur kummerċjali ta' postijiet tal-Gvern lill-inkwilini taħt l-iskemi A,B u E ta' l-Awtorità. |
| NIL | 56,000 | 5,095 | 3. Bejgħ ta' biċċiet ta' art għall-bini | 365,400 | Stima għall-bejgħ ta' biċċiet ta' art tal-Gvern għall-bini ta' postijiet fl-Imtarfa u f'lokali tajiet oħra. |
| NIL | 70,000 | NIL | 4. Bejgħ ta' ċnus | * 398,900 | Stima ta' fidi ta' ċnus b'rata skond il-liġi fuq artijiet tal-HOS. |
| 520,468 | 1,426,000 | 1,888,130 | | 3,788,500 | TOTAL |

* Fejn fis-snin ta' qabel kien qed jiġi stmat il-valur issussidjat. Issa qiegħed jiġi stmat il-valur kummerċjali w is-sussidju jidher fuq paġna ta' nefqa soċjali f'sussidji.

# B – DHUL RIKORRENTI

| DHUL 1988 / 89 | 1989/90 Stima | Dhul | DETTAL | STIMA 1990 / 91 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 123,989 | 120,000 | 105,089 | 1. Ċnus ta' artijiet li ħarġu taħt l-H.O.S. | 117,500 | |
| 816 | 750 | 1,501 | 2. Lawdemju | 1,500 | |
| 3.594 | 13,000 | 3,964 | 3. Kera ta' postijiet tal-Gvern | 4,000 | Ikopri dħul tal-kera ta' postijiet li jkunu ser jinbiegħu lill-inkwilini. |
| 21,560 | 25,000 | 29,028 | 4. Dħul minn trasferimenti ta' artijiet tal-H.O.S | 29,000 | Ammont stipulat jgħaddi għand l-Awtorità tad-Djar wara li art tal-H.O.S. tiġi trasferita lil ħaddieħor bil-kunsens ta' l-Awtorità tad-Djar. |
| NIL | 5,000 | 1,312 | 5. Dħul minn permessi għall-ħwienet f'bini tal-HOS. | 5,000 | Drittijiet li jitħallsu lil-Awtorità għal permessi għal ftuħ ta' ħwienet. |
| 44.221 | 40,000 | 24,201 | 6. Rimborż ta' sussidji | 25,000 | Meta art tal-H.O.S. tiġi trasferita qabel ma jagħlaq iż-żmien stipulat fl-iskema, relativa ikunu iridu iħallsu lura s-sussidji jew parti minnhom lill-Awtorità tad-Djar. |
| 92, 606 | 170,000 | 257,812 | 7. Imgħax minn investimenti u flus fil-Bank | 207,500 | Ikopru nteressi minn investimenti lokali u barranin. |
| 9,490 | NIL | NIL | 8. Dħul ieħor | NIL | |
| 296,276 | 373,750 | 422,907 | | 389,500 | SUBTOTAL |
| 1,018,174 | 1,194,000 | 1,194,465 | 9. Self mill-ERF | 1,500,000 | |
| 1,314,450 | 1,567,750 | 1,617,372 | | 1,889,500 | TOTAL |

# C - NEFQA KAPITALI

| NEFQA 1988 / 89 | 1989 / 90 Stima | 1989 / 90 Nefqa | DETTAL | STIMA 1990 / 91 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 505,320 | 1,797,000 | 915,278 | 1. Kontribuzzjoni ta' l-Awtorità għall-"House Building Programme" | 1,759,400 | Ħlas mill-Awtorità tad-Djar għal xogħlijiet biex jitlestew appartamenti mibdija fis-snin 1988, 1989, 1990 u 1991. |
| 3,000 | 750,000 | 162,018 | 2. Proġett tal-Belt ġdida fl-Imtarfa | 1,382,100 | Tlestija ta' l-ewwel 104 appartamenti u xogħlijiet mixxelanji oħra. |
| NIL | NIL | NIL | 3. Pembroke | 100,000 | Bidu ta' proġett ġdid ġo Pembroke. |
| NIL | 150,000 | 96,713 | 4. Attrezzament ta' uffiċċji ġodda ta' l-Awtorità | 100,000 | Tkomplija ta' tibdil strutturali u attrezzament ta' uffiċji għall-Awtorità tad-Djar. |
| 3,000 | 5,500 | NIL | 5. Żieda fil-Komjuterizzazzjoni ta' l-Uffiċċju | 5,400 | Vot li jaħseb għax-xiri ta' P.C.'s addizzjonali u printer. |
| 621 | 12,000 | 9,233 | 6. Xiri ta' għamara, tagħmir u makkinarju ieħor għall-uffiċċju | 12,600 | Vot li jaħseb għat-tagħmir tal-uffiċċji ġodda. |
| NIL | 8,000 | 3,454 | 7. Xiri ta' vettura ġdida | 5,000 | |
| 511,941 | 2,722,500 | 1,186,696 | TOTALI | 3,364,500 | |

# D – NEFQA SOĊJALI F'SUSSIDJI

| NEFQA 1988 /89 | 1989 / 90 Stima | Nefqa | DETTAL | STIMA 1990 / 91 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| Nil | Nil | 337,525 | 1. Sussidji lix-xerrejja ta' postijiet ġodda, battala mibnija mill-gvern | *874,400 | Vot ġdid biex jaħseb għal sussidju fuq prezz kummerċjali ta' postijiet ġodda mibnija mill-gvern li jitlestew fis-sena 1990-1991. |
| Nil | Nil | 618,113 | 2. Sussidji lill-inkwilini ta' postijiet tal-gvern | *380,400 | Vot ġdid biex jaħseb għal sussidju fuq prezz kummerċjali ta' bejgħ ta' postijiet tal-gvern lill-inkwilini. |
| Nil | Nil | Nil | 3. Sussidji fuq fidi ta' ċnus | *149,600 | Vot ġdid biex jaħseb għal sussidju fuq rati skond il-liġi ta' fidi ta' ċnus. |
| 117,499 | 370,000 | 119,144 | 4. Sussidju lix-xerrejja ta' postijiet privati | 330,000 | |
| NIL | 440,000 | 23,745 | 5. Sussidji diretti lil dawk li jingħataw plots fil-ħarġiet tal-H.O.S. - Sett. 88 u Sett. '89 u Awissu 1990 | 878,700 | Vot biex taħseb għal għotja diretta lil benefiċjarji minflokk sussidju fuq l-imgħaxijiet ibbażata fuq progress fix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq HOS plots. |
| 316,737 | 420,000 | 329,601 | 6. Sussidji fuq l-imgħaxijiet ta' self mill-Lohombus | 526,300 | Jiġbor fih ħlasijiet rikkorrenti kif ukoll iż-żieda minħabba l-estensjoni tas-sussidji lil aktar benefiċċjarji. |
| 434,236 | 1,230,000 | 1,428,128 | | 3,139,400 | |

* Ara nota fuq paġna 'Dħul minn bejgħ ta' propjetà tal-gvern."

# E – INFIEQ RIKORRENTI

| NEFQA 1988 / 89 | 1989 / 90 Stima | Nefqa | DETTAL | STIMA 1990 / 91 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 94,888 | 250,000 | 421,562 | 1. Ħlas ta' imgħaxijiet u kapital fuq self għall-iżvilupp | 310,000 | Għas-sena 1990/91 ħlas ta' imgħax biss fuq self mill-ERF. |
| 109,508 | 204,000 | 176,358 | 2. Salarji, pagi, ecc | 251,700 | Flus għall-ħlas tal-pagi tal-impjegati kollha ta' l-Awtorità għal sena sħiħa. |
| 4,931 | 9,000 | 10,146 | 3. Ħtiġijiet tal-Uffiċċju | 14,400 | Somma maħsuba biex tkopri spejjeż ta' stationery, u ħwejjeġ oħra għall-użu fl-uffiċċji. |
| 6,824 | 13,000 | 8,061 | 4. Trasport | 20,700 | |
| 73 | 200 | 56 | 5. Spejjeż Mixxellanji | 200 | |
| 750 | 750 | NIL | 6. Kera ta' l-uffiċċju | 1,500 | Somma maħsuba biex tkopri l-kera kurrenti u l-arretrati. |
| NIL | 1,200 | 710 | 7. Ħlas ta' dawl u ilma ta' l-uffiċċju | 2,500 | Flus għall-ħlas tal-konsum ta' dawl u ilma fl-uffiċini ġodda. |
| NIL | 600 | 600 | 8. Spejjeż legali u ta' reġistrazzjoni tal-art | 600 | |
| 776 | 3,000 | 1,784 | 9. Spejjeż fuq konferenzi u taħriġ għall-impjegati | 3,000 | |
| 1,250 | 1,500 | 1,500 | 10. Ħlas lill-Awdituri | 1,500 | |
| 219,000 | 483,250 | 620,777 | | 606,100 | SUBTOTAL |
| 1,000,000 | 400,000 | 194,465 | 11. Fond għar-ripagament tas-self tal-ERF | 303,000 | Provvediment għall-ħlas lura ta' self mingħand l-ERF, Li jrid jitħallas fis-snin li ġejjin. |
| 1,219,000 | 883,250 | 815,242 | | 909,100 | TOTAL |

